# LECTIO DIVINA

# Is-Seba’ Ħadd Matul is-Sena (A)

**Mt 5,38-48**

ikompli d-Diskors tal-Muntanja

**“Smajtu x’intqal, ‘Għajn b’għajn u sinna b’sinna.’…” (v 38)**

Fis-soċjetajiet antiki li kienu għadhom mingħajr stat, jew fejn dan ma kienx jirnexxilu jżomm l-ordni, il-vittma ta’ azzjoni ħażina kienet tirrikorri għal tpattija bla limiti u eċċessiva, imbuttata biss mill-emozzjonijiet tal-mument u mhux mir-raġuni.

Ġesù jibda billi jirreferi għal-*lex talionis* (tirritalja, *tagliare* [tal.] = taqta’ barra); liġi pprattikata mill-popli antiki tal-Lvant bħala forma ta’ ġustizzja mibnija fuq il-proporzjonalità, sabiex il-vittma ma tpattix b’mod eċċessiv għall-offiża (jew azzjoni ħażina) li tkun irċeviet.

Huwa wieħed mill-ewwel passi tal-bniedem biex jilħaq il-“perfezzjoni” li għaliha hu msejjaħ mill-istess kreatur tiegħu (imdawwal mir-rivelazzjoni t’Alla u mqanqal mill-fatt li hu maħluq fuq ix-xbieha t’Alla nnifsu).

**“Imma jien ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux; anzi jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta’ ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll.” (v 39)**

Ġesù, il-bniedem perfett u “il-perfezzjonatur tal-fidi” (ara Lhud 12,1-2) u tal-liġi, għal darba oħra jmur lil hinn mill-ittra biex jasal għall-ispirtu tal-liġi – l-Imħabba. Bħala riprarazzjoni għal azzjoni ħażina, minflok it-triq tat-tpattija Ġesù juri t-triq tal-maħfra. Il-maħfra tinterrompi ċ-ċirku vizzjuż tal-vjolenza.

Ġesù ma jaċċettax il-*lex talionis* imma permezz ta’ erba’ eżempji oħra mill-ħajja ta’ kuljum jispjega aħjar dak li qed jgħid u jkompli jwassal il-liġi għall-milja tagħha: v 39b (daqqa ta’ ħarta), v 40 (min irid itellgħek il-qorti), v 41 (min iġegħlek timxi miegħu mil) u v 42 (agħti ’l min jitolbok).

Il-bniedem waħdu jħares lejn il-liġi mil-lenti tiegħu – kemm sa jiggwadanja u sa fejn għandu permess jasal (ottika egoistika). Teknikament huwa korrett imma b’dan il-mod, il-liġi ma tilħaqx l-iskop tagħha; u inqas tilħqu l-persuna li tosservaha.

Bin il-bnieden joffri ottika ġdida ta' Iben ta' Alla li hu – ottika ta' mħabba li tirbaħ u tissupera l-egoiżmu; li "jpatti" għal ħażin bit-tajjeb. Dan id-diskors jiġi ssiġillat permezz tas-salib ta' Bin il-bniedem li "jieħu fuqu" il-ħażen u d-dnub tal-bnedmin.

"bniedem ħażin tiqfulux" – Il-ħażin jintrebaħ bit-tajjeb. Huwa l-għemil ħażin li jrid jiġi kkundannat u mhux il-"bniedem ħażin". Il-ħażin iħalli effetti ħżiena l-ewwel u qabel kollox fuq il-persuna stess li tkun wettqitu – hu huwa l-ewwel vittma tal-għemil ħażin tiegħu stess. Għalhekk min iwettaq il-ħażin huwa aktar fil-bżonn li jirċievi imħabba, minħabba l-qagħda miżerabbli tiegħu.

Id-diskors tal-ħajja kollha ta' Ġesù huwa kollu f'linja waħda u koerenti. Dan narawh fil-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa u fil-konfront tal-midneb li jiġu mogħtija aktar attenzjoni mill-oħrajn għax dawn huma dawk li l-aktar jeħtieġu attenzjoni u mħabba (ara Mt 10,6; Lq 15,1s;15,7;15,11s).

Huma "l-fqar fl-ispirtu... dawk ta' qalbhom safja" (vv. 3 u 8) li bħal Kristu huma kapaċi jħobbu lill-midneb ("il-ħażin") b'dan it-tip ta' imħabba (kompassjoni, jieħu fuqu il-piż tal-ieħor – il-ħaruf t'Alla li jieħu fuqu d-dnub tad-dinja Ġw 1,29). Allura joħorġ ċar li min jagħmel dan jagħmlu għax fih għandu "l-istess sentimenti li kienu fi Kristu Ġesù" (Fil 2,5), hu li tiġih kompassjoni mill-midneb.

**"Smajtu x'intqal, 'Ħobb lill-proxxmu tiegħek u obgħod lill-għadu tiegħek.'..." (v 43)**

Dan huwa l-ewwel pass tal-bniedem fir-rispett tiegħu lejn bniedem ieħor bħalu, ħabib tiegħu. L-*egoiżmu* hu aktar spontanju mill-*imħabba*.

L-imħabba gratuwita (għotja totali mingħajr ma tistenna lura) mhix ħaġa faċli għall-bniedem. L-istess il-maħfra. Fil-Bibbja stess (A.T.) li "tobgħod lill-għadu tiegħek" hija xi ħaġa normali. Il-bniedem ibati biex jifhem il-fatt li l-imħabba ta' Alla hija miftuħa għal kulħadd. Ir-raġunament ta' maħfra u mħabba lejn l-għadu joħroġ espliċitament fil-persuna u fit-tagħlim ta' Ġesù Kristu...

**"Imma jiena ngħidilkom: 'Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom, biex tkunu ulied Missierkom li hu fis-smewwiet; għax hu jtella' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex'..." (vv 44-45)**

L-imħabba tal-proxxmu hija ċ-ċentru tal-Kristjaneżmu (ara Mk 12,30-31)– mibni fuq "Alla [li] hu mħabba" (1 Ġw 4,8). L-imħabba lejn l-għedewwa hija n-novità ta' dan Alla. B'dawn il-versi Alla qed jikxef it-tip ta' imħabba tiegħu. Alla li jħobb indaqs lil *kull* bniedem maħluq minnu, qed isejjaħ lill-bniedem biex jagħmel l-istess (ara Rum 5,8; 1 Ġw 4,9; Ef 2,4; 5,2 u Mt 18,21-35; 1 Ġw 4,8a).

Dan il-kmandament/proposta hu akkumpanjat ukoll mill-*grazzja* ta' Alla u mill-*Ispirtu s-Santu*. Hu jixħet fina ukoll il-kapaċità li nħobbu mhux biss lil min iħobbna (terminu 'imħabba' imfixkel ma' 'egoiżmu'; tħobb lil min iħobbok biex iħobbok iżjed), imma anke lil min jonqosna.

"biex tkunu ulied Missierkom" (v 45a). Vers 44 hu rikjest minn v 45. Min (għal xi raġuni) jiċħad/jikkundanna 'l ħuħ, dan id-*dnub* idur fuqu stess: Inkwantu aħna lkoll aħwa, ikun qed jiċħad il-*filjolanza divina* tiegħu stess.

Karatteristika tal-ulied hija li dawn ikunu jixbħu lil missierhom. Karatteristika ta' dawk li huma wlied Alla hija li huma jħobbu kif iħobb hu; imħabba, maħfra, rispett u ġid "sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex".

**"Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? Mhux il-publikani wkoll jagħmluh dan? U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? Mhux il-pagani wkoll jagħmluh dan?" (vv 46-47)**

L-imħabba li tistenna (tippretendi) lura mhix imħabba. Lanqas hi mħabba meta timxi bil-kalkoli.

Il-proposta tal-imħabba lejn l-għadu hija r-rivelazzjoni ta' min hu Alla u ta' kemm l-imħabba tiegħu mhix kondizzjonata.

**"Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet." (v 48)**

Il-*perfezzjoni* tal-Lhudi (A.T.) tikkonsisti fl-osservanza bir-reqqa tal-liġi tat-Toràh. Għan-nisrani, il-perfezzjoni tikkonsisti fl-imħabba mingħajr limiti li tingħata mingħajr ma tistenna xejn lura, fuq l-eżempju tal-Missier u tal-Kelma tiegħu (Ġ.T.); Kristu magħmul bniedem li jingħata f'idejn l-għedewwa biex isallbuh.

Dan it-tip ta' mħabba fid-dixxiplu ta' Kristu ma jitrawwamx mil-lejl għan-nhar, imma b'impenn ta' ħajja sħiħa.